E/Sec

SANTA LUĊIJA

# MINUTI – IL-ĦAMES KUNSILL

## LAQGĦA NUMRU 3409

Illum il-Ġimgħa, 20 ta' Novembru 2009
Il-Kunsill iltagħqa fl-Uffiċċju Amministrattiv, 5/6 Binja tal-Faqqani, Santa Luċija fil-5.30pm.

## PREŻENTI

Is-Sindku Frederick Cutajar, il-Viċi Sindku Joseph Balzan u l-Kunsilliera: Caroline Galea, Joseph Bonello u Paulette Gafa`.

## ASSENTI

Ħadd

## TALBA

Is-Sindku qal it-talba.

## 1. MINUTI

Il-Minuti tal-Laqgħa Numru 3309 li saret nhar it-Tnejn, 26 ta' Ottubru 2009 ġew moqrija u approvati.

## 2. KORRISPONDENZA

### 2.1. *Listi*

Lista tal-korrispondenza riċevuta u lista oħra tal-korrispondenza mibgħuta mill-Kunsill bejn is-27 ta' Ottubru 2009 u l-20 ta' Novembru 2009 ġew ippreżentati fil-laqgħa.

Kopja taż-żewġ listi tqassmu lil Kunsilliera kollha.

### 2.2 *Korrispondenza miġjuba għall-attenzjoni tal-Kunsill*

#### 2.2.1 *Ittri mibgħuta mill-Kunsill:*

- 1388/09/O – Dipartiment għall-Gvern Lokali – Ġemellaġġ ma' Lumpiaque
- 1422/09/O – Dipartiment għall-Gvern Lokali – Ġemellaġġ ma' Lumpiaque
- 1386/09/O – Dipartiment għall-Gvern Lokali – *Memo* 69/2009 – Uffiċini Reġjonali

#### 2.2.2 *Ittri li rċieva l-Kunsill:*

- 1379/09/I – Soċjeta tad-Duttrina Nisranija - Suġġeriment
- 1381/09/I – Atlas Insurance – *Locality signs*
- 1427/09/I – Ministeru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali – *Measure* 323/11
- 1446/09/I – Awtorita' Dwar it-Trasport ta' Malta – *Road humps* Triq Katerina Vitale
- 1447/09/I – Awtorita' Dwar it-Trasport ta' Malta – *Road humps* Triq il-Begonja
- 1448/09/I – Awtorita' Dwar it-Trasport ta' Malta – Servizz ta' *reserved parking*
- 1467/09/I – Ittra minn residenta – Ilment
- 1476/09/I – Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokal – Patt tas-Sindki
- 1477/09/I – Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabilita' – Konferenza Nazzjonali
- 1478/09/I – Kunsill Nazzjonali taż-Żgħażagħ – Parlament Nazzjonali taż-Żgħażagħ

- 1485/09/I – Uffiċċju tal-Prim Ministru – Laqgħa għas-Sindki
- 1492/09/I – Kummissjoni Intedjoċesana Ambjent – Stqarrija

**2.3 *Rapporti u Dokumenti oħra ppreżentati lil Kunsill:***

- *Memo* SLLC 21/2009 – *CCTV cameras*
- *Memo* SLLC 22/2009 – Skultura mis-Slovakja

**3. PUNTI MQAJMA**

**3.1** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 1379/09/I il-Kunsill iddiskuta l-proposta tas-Superjur tal-Mużew tas-subien biex tingħalaq it-triq għat-traffiku fil-ħinijiet tal-Mużew tat-tfal. Ġie deċiż li għandha ssir talba lill-Awtorita' tat-Trasport biex fil-ħinijiet u l-ġranet li t-tfal jattendu l-Mużew tingħalaq parti minn Triq l-iStella Maris mill-kantuniera li tmiss ma' Triq il-Ġjaċinti sal-kantuniera li tmiss ma' Triq iż-Żinja.

**3.2** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 1381/09/I is-Sindku nforma l-Kunsill li Atlas Insurance ma kienux f'pożizzjoni li jisponsorjaw il-*locality signs*. Il-Kunsill qabel li jipproponi li l-Bank of Valletta jidħol bħala *sponser*.

**3.3** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 1427/09/I il-Kunsill ġie nfurmat li l-*paying agency* tal-Ministeru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali kienet irrifjutat l-applikazzjoni għal *Measure* 323. Huwa qal li l-Kunsill ser ikompli jaħdem fuq il-proġett ta' l-Ipoġew bit-temp tiegħu. Huwa kompla jgħid li jħoss li l-proġett taċ-Ċentru Ċiviku għandu jingħata priorita' għax jolqot direttament lir-residenti.

**3.4** B'referenza għall-korrispondenza bin-numri 1446/09/I u 1447/09/I il-Kunsill ġie nfurmat li l-ADT ma laqatx il-proposta tal-Kunsill biex jinstalla *rubber humps* fi Triq Katerina Vitale u Triq il-Begonja peress li dawn huma *main roads* u *bus routes*. Il-Kunsill qabel li Triq Katerina Vitale hija *main road* u *bus route* iżda jħoss li l-problema tal-*overspeeding* trid tiġi ndirizzata. Għaldaqstant għandha tintalab il-gwida ta' l-ADT f'dan ir-rigward. Fir-rigward ta' Triq il-Begonja il-Kunsill qabel li l-ADT għandha tiġi nfurmata li din it-triq la hija *bus route* u l-anqas *main road*.

**3.5** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 1448/09/I il-Kunsill innota li l-ADT ma laqatx talba għal *reserved parking* li saret minn resident/a fi Triq il-Peprin.

**3.6** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 1467/09/I is-Sindku qara *e-mail* ta' residenta li qalet li mindu tneħħew il-*bins on wheels* qed tara ħafna ġrieden. Hija pproponiet li l-Kunsill jerġa' jinstalla l-*bins on wheels* fil-lokalita'. Il-Kunsill iddiskuta dan l-ilment u unanimament qabel li mhux ser jerġa' jkun hawn *bins on*

*wheels* fil-lokalita'. Fil-kummenti tiegħu l-Kunsill qal li n-nies qed jikkoperaw u l-indafa fil-lokalita' marret għal aħjar. Rigward konsultazzjoni mar-residenti l-Kunsill innota li qabel tneħħew il-*bins on wheels*, il-Kunsill qassam *flyer* ta' nformazzjoni f'kull residenza qabel il-laqgħa tal-lokalita' 2009 biex ir-residenti jkollhom iċ-ċans jesprimu ruħhom waqt din il-laqgħa kif fil-fatt sar. Is-Segretarja Eżekuttiva għandha tikteb u tinforma lil din ir-residenta dwar il-kummenti tal-Kunsill.

**3.7** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 1476/09/I is-Sindku rrefera għal *seminar* dwar il-Patt tas-Sindki li ser isir fit-28 ta' Novembru 2009. Huwa qal li dak inhar ser ikun imsiefer għaldaqstant talab lil Viċi Sindku biex jattendi minfloku.

**3.8** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 1477/09/I il-Kunsillier Bonello qal li ma setgħax jattendi għal Konferenza Nazzjonali organizzata mill-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabilita' minħabba mpenn fuq ir-radju li jkollu kull nhar ta' Ħamis. Il-Viċi Sindku kien ser jikkunsidra jekk jistgħax imur minfloku.

**3.9** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 1478/09/I il-Kunsilliera Paulette Gafa` ser tieħu ħsieb l-inizjattiva tal-Kunsill Nazzjonali taż-Żgħażagħ biex jintagħżlu erba' parteċipanti għall-Parlament Nazzjonali taż-Żgħażagħ.

**3.10** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 1485/09/I il-Viċi Sindku għandu jikkonferma sa nhar it-Tnejn, 23 ta' Novembru 2009 jekk jistgħax jattendi laqgħa informali fuq stedina ta' l-Onor. Chris Said peress li dak inhar tal-laqgħa s-Sindku ser ikun imsiefer.

## 4. KOMUNIKAZZJONIJIET

### 4.1 *Ġemellaġġ ma' Lumpiaque*

B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 1422/09/O u 1388/09/O is-Sindku qal li d-Dipartiment għall-Gvern Lokali ried ikun jaf kif il-Kunsill qed isostni l-ġemellaġġi li għandu u l-attivitajiet li saru matul din l-aħħar sena marbuta ma' dawn il-ġemellaġġi u l-pjanijiet tal-Kunsill għas-sena li ġejja. Għaldaqstant il-Kunsill bagħat żewġ ittri bl-informazzjoni kollha.

### 4.2 *Manutenzjoni tar-retaining wall fi Ġnien is-Serenita'*

Is-Sindku nforma l-Kunsill li r-*retaining wall* li jdawwar Ġnien is-Serenita' fuq in-naħa ta' Vjal il-Kunsill ta' l-Ewropa kellu bżonn manutenzjoni mmedjata għax kien qed jaqa. Huwa qal li dan kien spezjonat minn perit tal-emerġenza wara li sar rapport lil pulizija. Is-Sindku kompla jgħid li kien informa l-ADT li hija responsabbli minn manutenzjoni ta' dan il-ħajt li jiġi f'*arterial road.* Huwa qal li kien ħa xi ritratti li ntbagħtu wkoll lil ADT.

### 4.3 *Ħruġ minn Santa Luċija għal fuq Xintill Roundabout*

Is-Sindku rrefera għall-isforzi tal-Kunsill biex tinstab soluzjoni ħalli jitnaqqas il-periklu fil-ħruġ għal fuq *Xintill Roundabout.* Huwa nforma l-Kunsill dwar laqgħa li saret f'dan ir-rigward fejn hu, flimkien mas-Segretarja Eżekuttiva tal-Kunsill iltaqgħu mas-Supretendent Zammit u tlett Uffiċċjali mill-ADT. Huwa qal li waqt din id-diskussjoni ssemmiet il-possibilita' li dan il-ħruġ jingħalaq fil-*peak hours.* Huwa qal li kien informa lil dawk preżenti li l-Kunsill ma jaqbilx ma' din il-proposta iżda żied jgħid li hu personalment ma jarax triq oħra kif jista' jiġi eliminat dan il-periklu. Huwa qal li proposta oħra li ssemmiet kienet dik li d-dħul minn Luqa *Bye-Pass* isir dħul u ħruġ u jsiru *lights* li jagħtu ftit ħin biex il-vetturi joħorġu minn Santa Luċija. Huwa qal li ġie deċiż li għalissa l-ADT tagħmel *Traffic Impact Assessment* biex tkun analizzata aħjar is-sitwazzjoni.

### 4.4 *Uffiċċju Reġjonali*

Is-Sindku tkellem dwar *memo* 69/2009 li ħareġ id-Dipartiment għall-Gvern Lokali fejn il-Kunsill ġie mistoqsi jekk għandux xi *premises* jew jaf b'xi *premises* li jista' jservi bħala uffiċċju reġjonali. Huwa qal li kien informa lid-Dipartiment bil-post li hawn fejn il-ħwienet ta' Triq Inez Soler.

### 4.5 *Avviż ta' safar*

Is-Sindku nforma l-Kunsill li kien ser ikun imsiefer bejn il-25 u s-26 ta' Novembru 2009 u bejn it-30 ta' Novembru u l-5 ta' Diċembru 2009.

### 4.6 *Ħarġiet Kulturali*

Il-Kunsilliera Caroline Galea infurmat lil Kunsill li flimkien mal-Viċi Sindku kienet ser torganizza ħarġa kulturali għal Villa Francia. Hija qalet li din il-ħarġa ser issir lejn l-aħħar ġimgħa ta' Jannar 2010.

B'referenza għal ħarġa fl-Imdina li kellha ssir f'Novembru organizzata mill-Viċi Sindku, ġie deċiż li din issir fi Frar 2010.

Is-Sindku qal li hu kien ser jorganizza żjara fl-Arkivji Nazzjonali fix-xahar ta' Marzu 2010.

## 5. AFFARIJIET FINANZJARJI

### 5.1 *Ħlas ta' pagamenti*

Approvazzjoni għall-ħlas ta' kontijiet permezz ta' ċekkijiet minn numru BOV 2818 sa numru BOV 2872 kif illistjati fl-iskedi tal-pagamenti għax-xahar ta' Ottubru CM34(01) u (02).

Lista ta' *Schedule of Payments* ingħatat lil Kunsillieri kollha flimkien mal-Minuti Numru 3309.

### 5.2 *Approvazzjoni għall-Ħlas tas-Salarji*

Salarji ghax-xahar ta' Ottubru 2009 Ammont *Gross* €4567.92

### 5.3. *Approvazzjoni għall-Ħlas ta' Talbiet dwar Kumpens (Expense Claims)*

| | | |
|---|---|---|
| Frederick Cutajar (Sindku) | (ADSL-Settembru u Ottubru 09) | €40.66 |
| Frederick Cutajar (Sindku) | (Użu ta' trasport pers.- Ottubru 09) | €19.70 |
| Joe Balzan (Viċi Sindku) | (Użu ta' Mobile pers.- Settembru 09) | €33.08 |
| Joe Balzan (Viċi Sindku) | (Użu ta' Mobile pers. - Ottubru 09) | €33.82 |
| Joe Balzan (Viċi Sindku) | (ADSL-20/07/09 - 31/10/09) | €46.52 |
| Joe Balzan (Viċi Sindku) | (Użu ta trasport pers.-Novembru 09) | €17.46 |
| Joe Bonello (Kunsillier) | (Użu ta' Mobile pers.-Ottubru 09) | €35.00 |
| Joe Bonello (Kunsillier) | (ADSL 14/10/09 - 15/01/10) | €96.78 |

### 5.4 *Approvazzjoni għall-Ħlas ta' Kontijiet dwar Xogħolijiet bil-Kuntratt:*

| Kuntrattur | Kuntratt | Kont | € |
|---|---|---|---|
| Ronald Bezzina | (SS)57/09/01 | Serv. for October 09 | 1131.53 |
| Cleaning Services Dept. | PC 57 | Serv. for October 09 | 507.73 |
| Ronald Bezzina | (RC) Q/09/01 | Serv. for October 09 | 2489.99 |
| ELC Ltd. | PKG57 | Serv. for October 09 | 2061.50 |
| Koperattiva Tabelli u Sinjali | Sgns/Mkgs | Job sheet 8116 | 120.45 |
| Nexos Street Lighting | Str Lighting | Inv 2008479 | 374.96 |
| Koperattiva Tabelli u Sinjali | Sngs/Mkgs | Job Sheet 2313 | 80.30 |

## 6. KUNTRATT ĠBIR TA' SKART

Is-Segretarja Eżekuttiva infurmat il-Kunsill li ma tistgħax toħroġ sejħa għall-offerti għal kuntratt tal-Ġbir ta' Skart jekk il-Kunsill ma jieħux deċiżjoni dwar il-ħinijiet u l-ġranet li fihom għandu jingħata dan is-servizz.

Il-Kunsill iddiskuta fit-tul dwar dan u qabel li tagħmel x' tagħmel qatt mhu ser tikkuntenta lil kulħadd. Is-Sindku ppropona li jsir *survey* b'mod professjonali biex tiġi stabbilita l-fehma tal-maġġoranza tar-residenti ta' Santa Luċija. Il-Kunsill unanimament qabel ma' din il-proposta. Ġie deċiż li l-Kunsill għandu jieħu d-deċiżjoni tiegħu skond ma jirriżulta f'dan is-*survey*.

## 7. PROĠETTI DWAR *RENEWABLE ENERGY*

Is-Sindku tkellem dwar il-*commitment* li għandu l-Kunsill li jipparteċipa fil-proġett *Green Communities* taħt il-*Life + Information and Communication Programme*. Huwa tkellem dwar il-laqgħa li hu, flimkien mas-Segretarja Eżekuttiva, kellhom ma' rappreżentanti tal-MIEMA dwar kif dawn jistgħu jgħatu pariri u jgħinu l-Kunsill biex jidentifika opportunitajiet għal fondi mill-Unjoni Ewropea għal proġetti marbuta ma' l-enerġija. Huwa qal li ssemmew diversi proġetti li jistgħu jsiru fosthom sistema ta' *solar lighting* fil-*Jogging Track*, *Photo Voltiac Systems* fi Ġnien is-Serenita', fl-iskola tal-*Girls' Junior Lyceum* u f'Wied Garnaw. Is-Sindku qal li l-Kunsill irid jkun ippreparat sew fuq dawn il-proġetti ħalli meta toħroġ l-applikazzjoni għal fondi ikun jista' japplika. Huwa qal ukoll li diġa saret laqgħa ma' nies tekniċi rappreżentanti ta' Nexos Lighting f'dan ir-rigward. Is-Sindku ppropona li l-Kunsill jibda jħejji dawn il-proġetti fid-dettal sew f'dik li hija teknika kif ukoll jinġabru stima tax-xogħol u materjal involut. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta.

## 8. ATTIVITAJIET TAL-MILIED

Il-Kunsill iddiskuta l-attivitajiet li ser ikun qed iħejji fl-okkażjoni tal-festi tal-Milied. Il-Kunsill ġie nfurmat li qed isiru l-preparamenti għal dawn l-attivitajiet u d-dati li fihom ser isiru:

**Dati ta' l-attivitajiet tal-Milied u l-festi**

| Attivita' | Dati Proposti |
|---|---|
| Xmas Concert | 11 ta' Diċembru 2009 |
| Ikla tal-Kunsill | 12 ta' Diċembru 2009 |
| Senior Citizens Activity | 21 December 2009 |
| Pantomima | 27 December 2009 |
| Cirku | 2 January 2010 |
| Animal Appreciation Day | 10 January 2010 |

### 8.1 *Kunċert tal-Milied*

Is-Sindku qara lista ta' l-ispejjeż marbuta mal-Kunċert tal-Milied u l-kxif tal-iskultura fil-*Picnic Area*. Il-lista t' hawn taħt ma tinkludiex l-ispiża ta' l-inviti u l-bibita'.

| | |
|---|---|
| **500 Programm** | **€308.80** |
| **Sistema ta' *Sound*** | **€649.00** |
| **Sistema ta' dwal** | **€1115.10** |
| | |
| | **€2072.00** |

Il-Kunsill approva dawn il-kwotazzjonijiet.

## 9. TMIEM/AĠĠORNAMENT

Il-Laqgħa ntemmet fit-7.45 p.m.

Il-Kunsill jerġa jiltaqa' nhar it-Tnejn, 14 ta' Diċembru 2009, fil-5.30 p.m.

**Caroline Silvio**
**Segretarja Eżekuttiva**

**Approvati illum** IT-TNEJN,

14 **ta'** DIĊEMBRU, **2009**

**Frederick Cutajar**
**Sindku**